2025/2466

5.12.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/2466

tat-2 ta' Diċembru 2025

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/2/2025)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni 2014/219/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, huwa awtorizzat jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali), inkluż id-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").

(2) Fit-28 ta' Jannar 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/200 ([2]), li testendi l-mandat tas-Sur Peter KOLDING bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mill-1 ta' Frar 2025 sal-31 ta' Jannar 2026.

(3) Fid-29 ta' Ottubru 2025, ir-Rappreżentant Għoli pproponiet li testendi l-mandat tas-Sur Peter KOLDING bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mill-1 ta' Frar 2026 sal-10 ta' April 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Peter KOLDING bħala l-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) huwa estiż mill-1 ta' Frar 2026 sal-10 ta' April 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK

([1]) ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/219/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/200 tat-28 ta' Jannar 2025 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/1/2025) (ĠU L, 2025/200, 30.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/200/oj).